

## Tariffi tal-qorti dwar il-proċedura tal-ħlas Ewropea - Ġermanja

[Introduzzjoni](#)

[Liema tariffi huma applikabbli?](#)

[Kemmm se nħallas?](#)

[X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?](#)

[Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?](#)

[X'nagħmel wara l-pagament?](#)

### Introduzzjoni

It-tariffi tal-qorti għall-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea huma rregolati mill-“Att dwar it-Tariffi tal-Qorti” (*Gerichtskostengesetz – GKG*)

It-tariffi tal-qorti jistgħu jiġihallu meta jittressaq ir-rikors jew billi titħallas fattura ta' tariffi tal-qorti. Teknikament, il-pagament isir permezz ta' trasferiment bankarju.

### Liema tariffi huma applikabbli?

L-Artikoli 12 (3) u (4) tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti jipprovdi li l-Ordni ta' Ħlas Ewropea għandha tinħareġ biss wara li titħallas it-tariffa indikata.

It-tariffi preċiżi huma speċifikati f'anness għall-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (Indiċi tal-ispejjeż [*Kostenverzeichnis – KV-GKG*]). In-numru 1100 KV-GKG jipprovdi għal tariffa b'rata ta' ħlas ta' 0,5 għall-Proċedura tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea.

L-ammont tat-tariffa jiġi ddeterminat mill-valur tat-tilwima, li normalment ikun identiku għall-ammont tat-talba mressqa. Jekk, minbarra t-talba prinċipali, l-interessi jew l-ispejjeż huma wkoll involuti bħala talbiet aċċillari, il-valur ta' dawn it-talbiet aċċillari ma jiġix ikkunsidrat.

### Kemmm se nħallas?

It-tariffa tal-qorti li għandha titħallas mal-ħruġ ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea hija:

Valur tat-tilwima sa massimu ta'	Tariffa f'EUR	Valur tat-tilwima sa massimu ta'	Tariffa f'EUR
500	32.00	50 000	273.00
1 000	32.00	65 000	333.00
1 500	35.50	80 000	393.00
2 000	44.50	95 000	453.00
3 000	54.00	110 000	513.00
4 000	63.50	125 000	573.00
5 000	73.00	140 000	633.00
6 000	82.50	155 000	693.00
7 000	92.00	170 000	753.00
8 000	101.50	185 000	813.00
9 000	111.00	200 000	873.00
10 000	120.50	230 000	962.50
13 000	133.50	260 000	1 052.00
16 000	146.50	290 000	1 141.50

19 000	159.50	320 000	1 231.00
22 000	172.50	350 000	1 320.50
25 000	185.50	380 000	1 410.00
30 000	203.00	410 000	1 499.50
35 000	220.50	440 000	1 589.00
40 000	238.00	470 000	1 678.50
45 000	255.50	500 000	1 768.00

### X'jiġri jekk ma nħallasx it-tariffi tal-qorti fil-ħin?

Jekk il-pagament bil-quddiem fuq it-tariffi tal-qorti ma jsirx, il-qorti ma toħroġx ordni ta' ħlas u l-proċedimenti ma jtkomplux.

Sabiex il-pagament ikun allokat għan-numru tal-fajl korrispondenti mill-qorti, huwa imperattiv li r-rikorrent jispeċifika wkoll in-numru tal-fajl meta jsir it-trasferiment bankarju.

### Kif nista' nħallas it-tariffi tal-qorti?

Il-pagament bil-quddiem għat-tariffi tal-qorti jista' jsir direttament meta jiġi ppreżentat ir-rikors. Jekk dan ikun għadu ma tħallasx, il-qorti tibgħat fattura bit-tariffi tal-qorti lir-rikorrent.

#### (a) Trasferiment bankarju

Tista' tħallas billi tagħmel trasferiment bankarju.

#### (b) Karta tal-kreditu

Ma tistax tħallas b'karta tal-kreditu.

#### (c) Ġbir mill-kont bankarju tar-rikorrent mill-qorti

Il-pagament permezz tal-ġbir mill-kont bankarju tar-rikorrent mhuwiex possibbli.

#### (d) Għajjnuna legali

Meta r-rikorrent ikun ingħata l-għajjnuna legali, huwa mhux se jkun meħtieġ iħallas xi spejjeż legali jew jagħmel pagamenti bil-quddiem. It-talba għal għajjnuna legali tista' titressaq quddiem l-istess qorti bħar-rikors għal Ordni ta' Ħlas Ewropea.

#### (e) Pagamenti oħra

Mhemmx tipi oħra ta' pagament.

### X'nagħmel wara l-pagament?

Wara pagament li jirnexxi, il-qorti tassenja l-pagament għar-rikors u tipproċessa r-rikors.

---

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-aħħar aġġornament: 05/11/2020